

AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI – KONSULTAZZJONI PUBBLIKA**Indikazzjonijiet Ġeografiċi miċ-Ċili biex ikunu protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea**

(2021/C 184/13)

Fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin bħalissa maċ-Ċili għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Modernizzat (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), li jinkludi kapitolu dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, l-awtoritajiet Ċileani ppreżentaw il-lista mehmuża ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, biex jiġu protetti skont il-Ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tikkunsidra jekk dawn l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhomx jiġu protetti wkoll skont il-Ftehim futur.

Il-Kummissjoni tistieden lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha interess leġittimu, li hi residenti jew stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, biex tressaq oppożizzjoni għal tali protezzjoni billi tibgħat dikjarazzjoni sostanzjata kif dovut.

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jenħtieġ li jintbagħtu f'dan l-indirizz elettroniku: AGRI-A3@ec.europa.eu

Id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni se jiġu eżaminati biss jekk jaslu fil-limitu taż-żmien stabbilit hawn fuq u jekk dawn juru li l-protezzjoni tal-isem propost:

- (a) toħloq kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew ta' razza tal-bhejjem u b'hekk x'aktarx tkun tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott;
- (b) tkun kompletament jew parzjalment omonima mal-protezzjoni ta' isem li diġà huwa protett fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 11 51/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agricoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾) disponibbli hawnhekk:

<https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/food-safety-and-quality/certification/quality-labels/geographical-indications-register/>

jew b'waħda mill-indikazzjonijiet ġeografiċi minn pajjiżi mhux tal-UE protetti fl-UE skont ftehimiet bilaterali disponibbli pubblikament fuq GIview, disponibbli hawnhekk: <https://www.tmdn.org/giview/> jew fil-lista disponibbli hawnhekk::

https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/food_safety_and_quality/documents/list-gis-non-eu-countries-protected-in-eu_en.pdf

- (c) fid-dawl tar-reputazzjoni u tal-fama tat-trademark u t-tul ta' żmien li ilha tintuża, tista' tqarraq bil-konsumatur dwar l-identità vera tal-prodott;
- (d) tkun tipperikola l-eżistenza ta' isem jew ta' trademark kompletament jew parzjalment identiċi, jew tipperikola l-eżistenza ta' prodotti li jkunu ilhom fis-suq b'mod legali għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż;
- (e) jew jekk id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jistgħu jagħtu dettalji li abbażi tagħhom wieħed jista' jikkonkludi li l-isem li għalih qed tiġi kkunsidrata l-protezzjoni huwa ġeneriku.

Il-kriterji msemmija hawn fuq għandhom ikunu evalwati b'rabta mat-territorju tal-Unjoni, li fil-każ tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali jirreferi biss għat-territorju jew għat-territorji fejn dawn id-drittijiet huma protetti. Il-possibbiltà li dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu protetti fl-Unjoni Ewropea tiddependi minn jekk jintemmewx b'suċċess dawn in-negozjati, kif ukoll mill-att legali sussegwenti.

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi miċ-Ċili li jridu jiġu protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi fl-Unjoni Ewropea għall-prodotti agricoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽²⁾

Isem kif irreġistrat fiċ-Ċili	Deskrizzjoni qasira
1. SAL DE CAHUIL - BOYERUCA LO VALDIVIA	Melħ
2. PROSCIUTTO DE CAPITAN PASTENE	Perżut ippreservat
3. LIMON DE PICA	Lumi
4. LANGOSTA DE JUAN FERNANDEZ	Awwista
5. ATUN DE ISLA DE PASCUA	Tonn — Ħut/Fletti tal-ħut/ħut ħaj
6. CANGREJO DORADO DE JUAN FERNANDEZ	Granċ — Ħaj/Mħux ħaj
7. CORDERO CHILOTE	Laħam tal-ħaruf
8. DULCES DE LA LIGUA	Prosotti tal-għaġina
9. MAIZ LLUTEÑO	Sojja
10. SANDIA DE PAINE	Dulliegħ
11. ACEITUNAS DE AZAPA	Żebbuġ ippriżervat/frisk
12. OREGANO DE LA PRECORDILLERA DE PUTRE	Riegnu
13. TOMATE ANGOLINO	Tadam
14. DULCES DE CURACAVÍ	Prosotti tal-għaġina
15. ACEITE DE OLIVA DEL VALLE DEL HUASCO	Żejt taż-żebbuġa
16. PUERRO AZUL DE MAQUEHUE	Kurrat
17. SIDRA DE PUNUCAPA	Ċidru
18. CHICHA DE CURACAVI	Xorb iffermentat

⁽²⁾ Lista mogħtija mill-awtoritajiet Ċileani fil-qafas tan-negozjati li għaddejjin bħalissa, irreġistrata fiċ-Ċili.